# L-ENERĠIJA NUKLEARI

L-enerġija nukleari prodotta bħalissa tiġi rilaxxata permezz ta' proċess imsejjaħ "fissjoni nukleari", li jinvolvi l-qsim tal-atomi bl-użu tal-uranju biex tiġi rilaxxata l-enerġija. L-enerġija nukleari hija alternattiva b'karbonju baxx għall-fjuwils fossili; tirrappreżenta komponent kritiku fit-taħlita enerġetika ta' 14 mit-28 Stat Membru u tgħodd għal kważi 30 % tal-elettriku prodott fl-UE. Madankollu, wara d-diżastru ta' Chernobyl fl-1986 u l-katastrofi nukleari f'Fukushima, il-Ġappun, fl-2011, l-enerġija nukleari saret kontroversjali ħafna. Id-deċiżjoni tal-Ġermanja li telimina gradwalment l-enerġija nukleari sal-2020, kif ukoll l-għeluq temporanju ta' żewġ reatturi Belġjani wara li nstabu xquq fir-reċipjenti tagħhom, poġġew aktar pressjoni favur l-abbandun tal-enerġija nukleari fl-Ewropa. Filwaqt li huma l-Istati Membri li jagħżlu jekk jinkludux l-enerġija nukleari fit-taħlita enerġetika tagħhom jew le, il-leġiżlazzjoni tal-UE għandha l-għan li ttejjeb l-istandards tas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari u tiżgura li l-iskart nukleari jintrema u jiġi ttrattat b'mod sikur.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-Trattat Euratom), l-Artikoli 40-52 (investiment, impriżi konġunti u provvisti) u 92-99 (is-suq komuni nukleari).

## L-OBJETTIVI

Biex jindirizzaw in-nuqqas ġenerali ta' enerġija "konvenzjonali" fil-ħamsinijiet, is-sitt Stati Membri fundaturi kienu bdew jikkunsidraw l-enerġija nukleari bħala mezz biex tinkiseb l-indipendenza enerġetika. Peress li l-pajjiżi individwali ma setgħux ilaħħqu mal-ispejjeż tal-investiment fl-enerġija nukleari, l-Istati Membri fundaturi ngħaqdu flimkien biex jiffurmaw il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. L-objettivi ġenerali tat-Trattat Euratom huma li jingħata kontribut għall-formazzjoni u l-iżvilupp tal-industriji nukleari tal-Ewropa, sabiex l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-iżvilupp tal-enerġija atomika u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Fl-istess ħin, it-Trattat jiggarantixxi standards għoljin ta' sikurezza għall-pubbliku u jimpedixxi li materjal nukleari maħsub prinċipalment għal skopijiet ċivili jintuża għal skopijiet militari. Is-setgħat tal-Euratom huma limitati għall-użu ċivili paċifiku tal-enerġija nukleari. Il-leġiżlazzjoni attwali għandha l-għan li tissalvagwardja standards ta' sikurezza għoljin.

## IL-KISBIET

### A. Is-sikurezza nukleari

Is-sikurezza nukleari tirrigwarda l-operat sikur tal-impjanti nukleari, flimkien mal-protezzjoni mir-radjazzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart radjuattiv. L-UE tippromwovi l-ogħla standards ta' sikurezza għal kull tip ta' attività nukleari ċivili, inklużi l-ġenerazzjoni tal-elettriku, ir-riċerka u l-użu mediku. L-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu oqfsa nazzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sigurtà nukleari, il-liċenzjar tal-impjanti tal-enerġija nukleari, is-sorveljanza u l-infurzar.

Wara l-inċident nukleari ta' Fukushima, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni komprensiva tar-riskju u s-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari kollha tal-UE biex tivvaluta s-sikurezza u r-robustezza tal-impjanti nukleari f'każ ta' avvenimenti naturali estremi. Il-Kummissjoni tat evalwazzjoni pożittiva ġenerali tal-istandards tas-sikurezza Ewropej attwali, iżda enfasizzat il-ħtieġa ta' titjib ulterjuri sabiex ikun hemm konsistenza aħjar fost l-Istati Membri u allinjament mal-aħjar prattiki internazzjonali (COM(2012)0571). Għalhekk, fl-2014 ġew aġġornati r-regoli tas-sikurezza għall-impjanti nukleari applikabbli fil-livell tal-UE (id-Direttiva 2014/87/Euratom). Fi Frar 2015, il-Kummissjoni pproponiet li l-obbligi relatati mal-informazzjoni skont l-Artikolu 41 u 44 tat-Trattat Euratom jiġu riveduti biex jiġu allinjati mal-iżviluppi politiċi l-ġodda. Barra minn hekk, l-obbligi tan-notifika jeħtieġ ikunu aktar ċari għall-investituri u l-proċess tan-notifika nnifsu għandu jkun aktar effiċjenti. Fl-aħħar pjan direzzjonali tagħha dwar l-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni ħabbret li l-pjanijiet se jiġu ppubblikati fl-2018 (COM(2017)0688).

#### 1. Il-protezzjoni mir-radjazzjoni

L-esponiment għar-radjazzjoni jonizzanti jirrappreżenta periklu sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem (kemm għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għall-ħaddiema fis-setturi mediċi, industrijali u nukleari) u għall-ambjent. Sabiex jiġi rifless il-progress xjentifiku, tittejjeb il-konsistenza legali u jiġu indirizzati l-kwistjonijiet relatati mas-sorsi ta' radjazzjoni naturali u l-ħarsien tal-ambjent, il-varjetà ta' leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni ġiet aġġornata u ssimplifikata. Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 stabbiliet standards bażiċi ta' sikurezza għall-ħarsien mill-perikli li jirriżultaw mill-esponiment għar-radjazzjoni jonizzanti[1]. Din id-direttiva tissimplifika l-leġiżlazzjoni Ewropea billi tissostitwixxi ħames direttivi, u tintroduċi rekwiżiti vinkolanti għall-protezzjoni kontra r-radon fuq ġewwa, l-użu ta' materjal tal-kostruzzjoni u valutazzjoni tal-impatt ambjentali dwar it-tnixxijiet ta' effluwenti radjuattivi mill-impjanti nukleari. Direttiva separata — id-Direttiva 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013[2] — tiffoka fuq il-monitoraġġ ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Diversi regolamenti stabbilixxew il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl (ir-Regolament 733/2008/KE, estiż bir-Regolament 1048/2009/KE, ir-Regolament 1635/2006/KE u r-Regolament 1609/2000). Ir-Regolament 2016/52/KE

[1]ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1.
[2]ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12.

jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika.

**2.** It-trasport ta' sustanzi u skart radjuattivi

Ir-Regolament 1493/93 tat-8 ta' Ġunju 1993 introduċa sistema tal-Komunità għad-dikjarazzjoni ta' vjeġġi ta' sustanzi radjuattivi fost l-Istati Membri, biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet rilevanti jirċievu l-istess livell ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni bħal ma kienu qabel l-1993, meta kienu għadhom jeżistu l-kontrolli fuq il-fruntieri.

Fl-1992 twaqqfet sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal vjeġġi ta' skart radjuattiv fl-UE, li mbagħad ġiet modifikata sostanzjalment fl-2006. Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit għandha l-għan li tiggarantixxi livell xieraq ta' protezzjoni pubblika minn dawn il-vjeġġi. Hija tistabbilixxi u telenka għadd ta' kriterji, definizzjonijiet u proċeduri stretti li jridu jiġu applikati waqt vjeġġi ta' skart radjuattiv u kombustibbli nukleari eżawrit, għal vjeġġi ġewwa u barra l-Komunità.

**3.** L-immaniġġjar tal-iskart

Fl-2011 inħoloq qafas ġuridiku tal-UE għall-immaniġġjar tal-iskart fl-Ewropa bl-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom dwar l-immaniġġjar ta' skart radjuattiv u fjuwil użat. Il-qafas jipprevedi monitoraġġ mill-qrib tal-programmi nazzjonali għall-kostruzzjoni u l-ġestjoni tar-repożitorji finali, kif ukoll standards ta' sikurezza vinkolanti. L-Istati Membri kellhom jippreżentaw l-ewwel rapport tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom fl-2015.

**B.** Is-salvagwardji relatati mal-materjal nukleari

Matul iż-żmien ġew adottati u emendati għadd ta' regolamenti — bħar-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) 302/2005 — sabiex tiġi stabbilita sistema ta' salvagwardji li tiżgura li l-materjal nukleari jintuża biss għall-iskopijiet iddikjarati minn min jużah u li l-obbligi internazzjonali jiġu rispettati. Dawn is-salvagwardji jkopru ċ-ċiklu sħiħ tal-fjuwil nukleari, mill-estrazzjoni ta' materjal nukleari fl-Istati Membri, jew l-importazzjoni tiegħu minn pajjiżi terzi, sal-esportazzjoni barra l-UE. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-kontroll tal-materjal nukleari ċiviku fl-UE.

**C.** Riċerka nukleari, attivitajiet ta' taħriġ u informazzjoni

Ir-riċerka nukleari fl-Ewropa hija ffinanzjata permezz ta' programmi qafas pluriennali. Il-programm Euratom għall-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ nukleari jikkomplementa l-programm Orizzont 2020 — il-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni — għad li t-tnejn huma distinti minn xulxin. L-ammont iddedikat għall-programm Euratom matul il-perjodu 2014-2018 hu ta' EUR 1 608 miljun, maqsum bejn tliet programmi speċifiċi: wieħed li jkopri azzjonijiet indiretti fir-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni (EUR 728 miljun), wieħed dwar il-fissjoni nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni (EUR 315-il miljun), u wieħed li jkopri azzjonijiet diretti meħuda miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni (EUR 559 miljun). Fil-qasam tal-enerġija mill-fissjoni nukleari, fl-2007 twaqqfet Pjattaforma Teknoloġika dwar l-Enerġija Nukleari Sostenibbli sabiex tikkoordina aħjar ir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll id-dimostrazzjoni u

l-implimentazzjoni. Fil-qasam tal-enerġija mill-fużjoni, l-UE hija membru fundatur u l-akbar sieħeb finanzjarju tal-ITER, proġett internazzjonali ta' riċerka u inġinerija dwar il-fużjoni nukleari, li bħalissa qed jibni l-akbar reattur sperimentali fid-dinja għall-enerġija mill-fissjoni nukleari f'Cadarache, fi Franza. Twaqqfet Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni biex tippromwovi r-riċerka xjentifika u l-iżvilupp teknoloġiku fil-qasam tal-fużjoni (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom). Il-membri tagħha huma l-Euratom (irrappreżentata mill-Kummissjoni), l-Istati Membri tal-UE u xi pajjiżi terzi li kkonkludew ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Euratom.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tistabbilixxi l-kundizzjonijiet rigward it-trasparenza u l-informazzjoni disponibbli għall-ħaddiema u għall-pubbliku ġenerali b'rabta mas-sikurezza nukleari tal-impjanti nukleari.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament għandu rwol limitat fil-proċess deċiżjonali previst mit-Trattat Euratom, peress li għandu biss setgħat ta' konsultazzjoni u l-opinjoni tiegħu mhijiex vinkolanti. Madankollu, fid-diversi riżoluzzjonijiet tiegħu dwar is-suġġett, huwa konsistentement għamel enfasi fuq il-ħtieġa li tiġi ċċarata d-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri u li jissaħħaħ il-qafas komuni tal-UE dwar diversi aspetti tal-impjanti nukleari, kif ukoll fuq l-importanza li jittejbu r-rekwiżiti relatati mas-sikurezza u l-ħarsien tal-ambjent. Fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Lulju 2011 dwar il-prijoritajiet għall-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u lil hinn[3], il-Parlament esprima l-appoġġ qawwi tiegħu għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi "testijiet tal-istress" għall-impjanti tal-enerġija nukleari Ewropej. F'Marzu 2013 ġiet adottata riżoluzzjoni supplimentari li fiha ġew indikati l-limiti tal-eżerċizzju tat-"testijiet tal-istress" imwettaq mill-Kummissjoni fl-2012 u ntalab li fit-testijiet tal-futur jiddaħħlu kriterji addizzjonali, partikolarment dwar id-deterjorament tal-materjal, l-iżball uman, u d-difetti fir-reċipjenti tar-reatturi. Il-Parlament ħeġġeġ implimentazzjoni sħiħa tat-titjib relatat mas-sikurezza[4].

Fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ta' Ġunju 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-ġestjoni ta' fjuwil użat u skart radjuattiv[5], il-Parlament esprima l-appoġġ tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni favur projbizzjoni totali fuq l-esportazzjoni ta' skart radjuattiv, filwaqt li l-Kunsill kien favur li l-esportazzjoni titħalla ssir b'kundizzjonijiet stretti ħafna. Il-Parlament talab ukoll li jiġi speċifikat ulterjorment li d-direttiva tirrigwarda l-ħarsien tal-ambjent, u li jkun hemm biżżejjed dispożizzjonijiet favur l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku u l-parteċipazzjoni tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-immaniġġjar tal-iskart.

Fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ta' Marzu 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem[6], il-Parlament talab bidla fil-bażi ġuridika (mill-Artikolu 31 u 32 tat-Trattat Euratom għall-Artikolu 192 tat-TFUE) u, għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-Parlament ippropona dispożizzjonijiet addizzjonali li kienu

[3]ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 46.
[4]ĠU C 36, 29.1.2016, p. 76.
[5]ĠU C 390 E, 18.12.2012, p. 147.
[6]ĠU C 36, 29.1.2016, p. 195.

jipprevedu titjib fl-informazzjoni għall-konsumaturi kif ukoll it-twettiq ta' kontrolli aleatorji tal-kwalità tal-ilma u l-ġestjoni differenzjata tal-livelli ta' radjazzjoni naturali u tal-kontaminazzjoni mill-attivitajiet tal-bniedem. Ġew iċċarati wkoll ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni.

Fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ta' Ottubru 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li taġġorna l-istandards bażiċi tas-sikurezza għall-protezzjoni kontra r-radjazzjoni jonizzanti[7], il-Parlament għal darb'oħra talab għal bidla fil-bażi ġuridika, mit-Tratatt Euratom għat-TFUE. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva ġie estiż għal kwalunkwe esponiment għar-radjazzjoni ppjanat, eżistenti, aċċidentali jew f'emerġenza, u impona limiti aktar stretti fuq id-dożi ta' esponiment permessibbli, filwaqt li saħħaħ ukoll il-penali u l-kumpens għad-danni. Ittejbet ukoll is-sistema li biha jiġi infurmat il-pubbliku.

Fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar id-Direttiva Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari tal-impjanti nukleari (id-Direttiva 2014/87/Euratom li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom), il-Parlament stieden lill-Istati Membri jikkomunikaw b'mod aktar trasparenti fir-rigward tas-sikurezza tal-impjanti nukleari u r-riskji relatati. Il-Parlament ippropona wkoll li l-evalwazzjonijiet bejn il-pari jsiru kull tmien snin minflok kull għaxra, u li l-Parlament ikun infurmat bir-riżultati, il-miżuri relatati u l-pjanijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet ma ġewx inkorporati mill-Kunsill fit-test finali tad-Direttiva 2014/87/Euratom.

Frédéric Gouardères
05/2019

[7]ĠU C 208, 10.6.2016, p. 697.